MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Numru. 501/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Chris Galea Scannura**

**vs**

**Michael Barbara**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Michael Barbara ta’ 49 sena, bin Mikiel u Anna nee’ D’Amato, imwieled iz-Zurrieq fid-29 t’ Awwissu 1952 u residenti Flat 2 Qasam tal-Bini tal-Gvern, Blokk 1 Bieb 1, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 643352(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Ghall-habta tas-siegha u nofs ta’ wara nofsinhar tat-22 ta’ Gunju 2002 gewwa Haz-Zebbug volontarjament ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Raymond Camilleri dan skond kif iccertifika it-Tabib C. Rizzo MD med reg no. 2663 tad-Dipartiment ta’ l-Isptar San Luqa;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, hebb ghall-Raymond Camilleri minn Haz-Zebbug sabiex jingurjah jew idejqu jew jaghmillu hsara.

3. Fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied.

4. Fl-istess data, lok u cirkostanzi ghall-habta tas-1:00pm hebb ukoll ghal Mary Camilleri u ghal Aaron Camilleri u kkagunalhom feriti ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Godfrey Farrugia MD ta' Haz-Zebbug.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u fil-hinijiet imsemmija ikkaguna jew hedded lil familja Camilleri minn Haz-Zebbug bi kliem.

6. Fl-istess data, lok u cirkostanzi u hinijiet imsemmija volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna imsemmija aktar 'il fuq u dan skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 5 ta' Settembru, 2002 (esebit *a folio* 53 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 2004 l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat ir-rapport tal-espert mediku minnha nominat.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident familjari li allegatament sehh fit-22 ta’ Gunju 2002 f’Haz-Zebbug bejn il-familja Barbara (l-imputat u martu) u l-familja Bonanno (Doris Bonanno oht il-parti civili Raymond Camilleri u zewgha Emanuel Bonanno) min-naha l-wahda u l-familja Camilleri (l-parti civili) min-naha l-ohra. Jibda’ sabiex jinghad li f’din il-kawza l-imputat jinsab akkuzat b’diversi akkuzi, sitta b’kollox. Dawn l-akkuzi originarjament inhargu fl-24 ta’ Gunju 2002, fejn l-akkuzi kienu tlieta, izda imbaghad wara li kienu diga’ instemghu xi provi, u precizament waqt l-udjenza tat-8 ta’ Mejju 2003, gew mizjuda tlett akkuzi ohra u mill-atti jirrizulta li l-imputat ta ruhu b’notifikat bl-akkuzi kif korretti fl-udjenza tat-3 ta’ Marzu 2004 fejn sar l-ezami mill-gdid tal-imputat. Jidher ghalhekk lli l-imputat gie notifikat bl-akkuzi odjerni fit-3 ta’ Marzu 2004. It-tieni, it-tielet, il-hames u s-sitt akkuza huma ta’ natura kontravenzjonali u l-Qorti taqbel ma’ dak sottomess mid-Difiza waqt it-trattazzjoni finali fejn gie sottomess li dawn l-akkuzi huma preskritti bil-preskrizzjoni trimestrali kontemplata fl-Artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali stante li dawn l-akkuzi jirreferu ghal incident li allegatament sehh fit-22 ta’ Gunju 2002 u l-imputat gie notifikat b’dawn l-akkuzi fit-3 ta’ Marzu 2004, u cioe’ kwazi sentejn wara li sehh l-allegat incident. Il-Qorti ghalhekk ser tiddikjara dawn l-akkuzi bhala estinti.

Ikkunsidrat:

Jibqa’ ghalhekk sabiex jigu kkunsidrati l-ewwel u r-raba’ akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat fejn permezz tal-ewwel akkuza huwa qed jigi akkuzat li kkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Raymond Camilleri u permezz tar-raba’ akkuza huwa qed jigi akkuzat li kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ Marianne u Aron Camilleri.

Kif diga intqal aktar ‘il fuq mill-provi rrizulta li l-incident tat-22 ta’ Gunju 2002 kien wiehed ta’ natura familjari. Mill-provi rrizulta li kien hemm disgwid pendenti bejn it-tlett familji imsemmija aktar ‘il fuq rigwardanti ghalqa li

precedentement kienet tigi mahduma minn missier il-parti civili Raymond Camilleri, Doris Bonanno u Vincenza Barbara (mart l-imputat). Jidher li meta miet il-missier inqala’ disgwid bejn l-ahwa dwar kif kellha tigi maqsuma l-ghalqa u fil-fatt gew intavolati proceduri civili sabiex jigi risolt dan id-disgwid.

Wara li ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f’dan il-kaz il-Qorti jidrilha li jezisti kunflitt lampanti dwar dak li effettivament sehh fl-incident tat-22 ta Gunju 2002. L-unika qbil bejn il-partijiet huwa li effetivament il-parti civili Raymond Camilleri, martu Maryanne Camilleri u binhom Aron Camilleri kienu fl-ghalqa li dwarha hemm il-kwistjoni civili meta marru fuq il-post l-imputat, martu Vincenza Barbara flimkien ma Doris Bonanno, li tigi oht il-parti civili u oht il-mara tal-imputat, u Emanuel Bonanno li huwa r-ragel ta’ Doris Bonanno. Raymond Camilleri, martu u ibnu jghidu li l-familja Bonanno u Barbara marru fuq il-post bi tlett imazaq f’idejhom u huma irnexxilhom jehdulhom dawn l-imazaq u waqt li kienu miexjin bihom f’idejhom u sejrin l-Ghassa jaghmlu rapport l-imputat Michael Barbara beda jiehu xi ritratti u mbaghad ha l-mghazqa minn idejn Raymond Camilleri u tah daqqa f’mohhu u sussegwentement attakka lil Maryanne u lil Aron Camilleri u wkoll kkagunalhom griehi. Il-Qorti rriskontrat kunflitt f’dak li qal il-parti civili Raymond Camilleri meta xehed l-ewwel darba fl-udjenza tal-5 ta’ Settembru 2002 (traskrizzjoni relattiva inserita a fol. 19 u 20 tal-process) fejn huwa qal li l-imputat, martu u l-konjugi Bonanno dahlu ghalihom fl-ghalqa bi tlett imazaq f’idejhom u hu, martu u t-tifel marru fuqhom u dawn tawhom l-imazaq u waqt li kienu miexjin bl-imazaq f’idejhom l-imputat qabizhom, mar lejn il-vettura tieghu, hareg camera tar-ritratti, beda’ jiehu ir-ritratti u mbaghad il-familja Camilleri gew attakkati mill-konjugi Bonanno u Barbara u meta l-imputat mar sabiex jiehu l-imghazqa minn idejn Raymond Camilleri huwa (l-imputat) tah daqqa biha f’mohhu. Meta xehed fl-udjenza tas-6 ta’ Ottubru 2004 il-parti civili min-naha l-ohra sostna li il-konjugi Barbara u Bonanno kienu marru ghalih u ghal martu u ibnu bi tlett imazaq f’idejhom u din id-darba qal li kienu isieltu maghhom u hadulhom l-imazaq minn idejhom

u imbaghad l-imputat hareg camera tar-ritratti u beda' jiehu r-ritratti u sussegwentement mexa lura u waddab gebla imdaqqsa fid-direzzjoni tieghu izda ma laqtux meta mbaghad resqu lejh Vincenza u Doris u l-imputat hadlu l-imghazqa minn idejh u tah daqqa f'mohhu. Meta xehed l-ewwel darba Raymond Camilleri ma semma xejn dwar il-gebla li allegatament twadbet mill-imputat u inoltre qal li il-konjugi Bonanno u Barbara kienu tawhom l-imazaq u ma kellhomx jissietlu ghalihom kif imbaghad qal it-tieni darba li xehed.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat kemm meta irrilaxxja l-istqarrija esebita a fol. 52 tal-process, kif ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza tas-27 ta' Novembru 2008 dejjem sostna l-istess verzjoni tal-fatti, liema verzjoni hija djametrikalment opposta ghal dik moghtija minn Raymond Camilleri u minn martu u ibnu. L-imputat fil-fatt spjega li dakinhar li nqala' l-incident huwa u martu akkompanjati mill-konjugi Bonanno kienu marru fl-ghalqa li dwarha hemm id-disgwid sabiex jiehdu xi ritratti, u dan fuq parir tal-avukat taghhom minhabba il-proceduri civili li kien hemm pendenti bejn il-partijiet, tal-mod kif kien impoggi il-gebel li kien qed jaqsam l-ghalqa in kwistjoni. L-imputat spjega li malli huma pparkeggjaw il-vettura taghhom il-familja Camilleri resqu lejhom bi tlett imazaq f'idejhom u huwa dak il-hin ha r-ritratti li jinsabu esebiti a fol. 116 tal-process u dawn bdew jghajtu u jitfawlhom il-gebel u fi kwistjoni ta' ftit minuti inqala' incident fejn beda' jintefa' gebel miz-zewg nahat. L-imputat izda jghid li huwa ma tefghax gebel izda ma jistghax jeskludi li l-persuni li kienu mieghu tefghu xi gebel. Huwa jghid wkol li waqt li kien qed jiehu ir-ritratti ta' dak li kien qed jigri mill-vettura tieghu sab lil Aron Camilleri hdejh bl-imghazqa f'idejh u dan beda' jxejjer l-imghazqa fid-direzzjoni tieghu u laqtu fi spaltu. L-imputat spjega li huwa sab zewg imazaq li precedentement kienu fil-pussess ta' Raymond Camilleri fil-vettura tieghu u wara martu u l-konjugi Bonanno qalulu li huma kienu hadu dawn l-imazaq minn idejn ta' Camilleri. L-imputat jghid li huwa imbaghad mar l-Ghassa jaghmel rapport fejn

ikkonsenja lil Pulizija z-zewgt imazaq li kien sab fil-vettura tieghu. Dawn iz-zewgt imazaq fil-fatt gew esebiti in atti.

Illi Doris Bonanno li xehdet fl-udjenza tat-12 ta’ Frar 2009 essenzjalment ikkoroborat il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi kif diga’ ntqal aktar ‘il fuq l-Qorti rriskontrat kunflitt car fil-provi liema kunflitt jitfa’ dubju ragjonevoli dwar dak li effettivament seta’ gara dakinhar tal-allegat incident. Apparti l-kunflitt fiz-zewg verzjonijiet moghtija minn Raymond Camilleri, liema kunflitt diga’ gie spjegat fil-paragrafi precedenti, u apparti l-verzjonijiet djametrikalment opposti moghtija mill-familja Camilleri min-naha l-wahda u l-imputat u Doris Bonanno min-naha l-ohra, l-Qorti hija wkoll rinfaccjata b’sitwazzjoni fejn fir-rapport tal-espert mediku minnha nominat, Dr. Lawrence Scerri (rapport esebit a fol. 78 sa 79 tal-process) jissemmew zewg feriti riskontrati fuq mohh Raymond Camilleri, jissemma wkoll li dawn iz-zewg feriti huma differenti, gew kagunati f’okkazzjonijiet separati u jidher li gew kawzati wahda b’oggett ippuntat u l-ohra hija a ‘blunt trauma’. Minn dan ir-rapport jirrizulta li l-ferita li giet kagunata fl-incident in dizamina hija ‘a blunt trauma’. Jezisti ghalhekk dubju jekk din il-ferita effettivament setghatx giet ikkagunata b’wahda mill-gebel li kienu qed jintefghu dakinhar jew altrimenti bl-imghazqa kif qed isostni il-parti civili, kif jezisti wkoll dubju dwar min effettivament seta’ kkaguna il-ferita certifikata minn Dr. Chris Rizzo (certifikat relattiv esebit a fol. 25 tal-process). Jezisti wkoll dubju jekk effettivament il-griehi riskontrati mill-espert mediku nominat minn din il-Qorti setghux gew kawzati dakinhar tal-allegat incident tat-22 ta Gunju 2002 jew altrimenti f’incident separat li kellu Raymond Camilleri ma terzi xi ftit tal-gimghat qabel it-22 ta’ Gunju 2002.

Huwa minnu li mhux kwalunkwe kunflitt fil-provi iwassal ghall-liberatorja tal-imputat izda fil-kaz odjern l-Qorti rriskontrat diversi kunflitti li jpogguha f’posizzjoni li ma tistghax tkun moralment konvinta li effettivament il-griehi li

sofra Raymond Camilleri gew kagunati mill-imputat. Il-Qorti jidrilha ghalhekk li tali dubju ghandu jimmilita favur l-imputat li sejjer konsegwentement jigi liberat mill-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Rigward ir-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat fejn huwa qed jigi akkuzat li kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Aron Camilleri u ta' Maryanne Camilleri, l-Qorti jidrilha li din l-akkuza ma gietx pruvata sal-grad rikjest mill-ligi stante li ma gewx prezentati c-certifikati medici relattivi u inoltre jekk wiehed jezamina x-xhieda moghtija minn Maryanne Camilleri u minn Aron Camilleri (traskrizzjonijiet relattivi inseriti a fol. 59 sa 61 u 65 sa 66 ripettivament) isib li dawn iz-zewg xhieda ghalkemm jindikaw li sofrew xi griehi la jghidu fejn kienu dawn il-griehi u inoltre jitkellmu b'mod nebuluz dwar min seta' effettivament ikkawza dawn il-griehi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel(1) u tar-raba'(4) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi u inoltre wara li rat l-Artikolu 688(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara it-tieni(2), it-tielet(3), il-hames(5) u s-sitt(6) akkuza bhala preskritti u konsegwentement estinti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------